MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 545/2013

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Joseph James Sammut (K.I. 329306L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija, tlieta u erbghin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€643.72c), liema ammont huwa in konnessjoni ma' *Bundle Service Agreement Home Pack 42* (A/C40150638), u li jinkludi telefon 21322514; servizz ta' televizjoni 1425109514, u servizz ta' internet, liema servizz gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratti datati 1 ta' Gunju, 2010 u 24 ta' Mejju, 2011.

Illi ‘nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1869/12, u bl-imghaxijiet legali sa mis-6 ta’ Settembru, 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz:

Dok A – Prospett – AC40150638

Dok B – Kuntratt datat 1 ta’ Gunju, 2010

Dok C – Kuntratt datat 24 at’ Mejju, 2011

Dok D – Estratt Registru Elettorali

Dok E – Ittra Ufficjali 1869/12

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-17 ta’ Gunju, 2014 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici fl-ammont ta’ sitt mija, tlieta u erbghin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€643.72c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, skont kif mitlub fl-avviz ta’ din it-talba u skont il-ligi, sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------